# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tal-10 ta' Merjju 2002**

**Citazzjoni numru 2978/96 GC**

**L-Avukat Dottor Tonio Mallia fil-kwalita' tieghu ta' Prokuratur ghan-nom u fl-interess tad-ditta estera Vittoria & C. s.r.l.**

**vs**

**Joseph Azzopardi per4sonalment u occorrendo ghan-nom u in rappresentanza ta' Marmo Art u Marmi Progetti Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni frjn l-attur nomine ppremetta :-

Illi l-konvenut hu debitur lejn is-socjeta attrici ghas-somma ta' liri taljani 55,160,398 (appros. Lm13,160) dovuti lilha bhala bilanc fuq kont kurrent li l-konvenut ghandu mas-socjeta' attrici, kif ukoll bilanc ta' negozji ohra bejn l-istess partijiet;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas naqas li jirrifondi l-ammont misluf lilu mis-socjeta' attrici;

Illi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni xi jgib ghat-talba ghall-hlas;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid, previa d-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lid-ditta attrici l-ekwivalenti fi flus maltin fid-data tas-sentenza tas-somma ta' Lit.55,160,398 (hamsa u hamsin miljun, mija u sittin elf, tlett mija u tmienja u disghin liri taljani) rappresentanti bilanc fuq kont kurrent bejn il-partijiet u ta' negozji ohra;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Awissu 1996, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitamewnt konfermata bil-gurament;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi ma hemm ebda kont kurrent bejn il-partijiet; kull fattura relattiva ghall-bejgh ta' prodott mill-attur lill-konvenut hija mhallsa;

2. Illi l-ammont ta' Lm3737.70 reklamata mill-attur ma hix dovuta billi l-irham u granit li jinsab ghand l-eccipjenti gie hemm depozitat mill-attur wara li Palazz Marbleworks irrifjutah ghax kien difettuz. L-eccipjenti m'ghandux x'jaqsam ma dan l-irham hlief li ghandu jithallas tal-magazzinagg;

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenut ghal kull ammont lilu dovuta bhala kummissjoni u hlas ta' magazzinagg;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut proprio et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet u x-xhud prodott mill-attur nomine;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2000;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur nomine;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni d-ditta estera attrici qed tippretendi li kien hemm bejnha u l-konvenut propio et nomine kont kurrent u, bhala konsegwenza, l-konvenut ghad ghandu jghati s-somma ta’ liri taljani hamsa u hamsin miljun mija u sittin elf tlett mija u tmienja u disghin (Lit. 55,160,398). Skond l-istess ditta attrici dan l-ammont jinkludi ukoll bilanci dovuti ghar-rigward ta' negozji ohra li saru bejn l-istess partijiet. Fid-dikjarazzjoni d-ditta attrici estera tispecifika li l-ammont dovut ghar-rigward ta' dawn "in-negozji ohra" hu ta' tlett elef seba mija u seba u tletin liri maltin u sebghin centezmi (Lm3,737.70);

Il-konvenut proprio et nomine jeccepixxi li ma hemm ebda kont kurrent bejn il-partijiet. Huwa jghid li kull fattura li harget id-ditta attrici hi mhallsa. Inoltre l-konvenut jirreferi ghall-ammont specifiku ta' Lm3737.70 li qed jintalab mid-ditta attrici u jghid li dan l-ammont mhux dovut, stante li l-irham u granit in kwestjoni jinsab fil-pussess tieghu in vista tal-fatt li l-istess irham u granit gie hekk depositat mill-istess ditta attrici wara li ditta ohra maltija rrifjutatu peress li hu difettuz. In effett f'dan ir-rigward il-konvenut nomine jippretendi li huwa hu li ghandu jithallas tal-magazzinagg;

Salvatore Vittoria, li gie prodott mid-ditta attrici u li hu dirigent tal-istess ditta u li ukoll jidher li hu s-sid tal-istess ditta, kkonferma li kien isir negozju bejn l-istess ditta attrici u l-konvenut fis-sens li d-ditta attrici kienet tissuplixxi l-granit u irham lill-konvenut bi kreditu u f'dan ir-rigward kien jigi koncess lill-konvenut zmien pjuttost twil ghall-hlas, anke 120 gurnata. Huwa jghid li l-konvenut ghad ghandu jghati l-imsemmija somma f'liri taljani u f'dan ir-rigward ghamel referenza ghad-dokument a fol.24, li hu prospett li jindika l-fatturi kollha li nhargu mid-ditta attrici ghar-rigward ta' dak kollu li gie supplit lill-konvenut u jindika ukoll l-hlasijiet kollha li ghamel l-istess konvenut ghar-rigward tal-istess konsenji;

In vista ta' dak li qal dan id-dirigent tad-ditta attrici jirrizulta li ma kien hemm ebda kont kurrenti bejn il-partijiet, izda semplicement il-konvenut kien jixtri l-granit u irham minnghand id-ditta attrici li kienet tikkoncedi zmien lill-konvenut ghal-hlas. Id-ditta attrici esibit il-fatturi kollha elenkati fl-imsemmi dokument a fol.24. Giet esibita ukoll xi korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet (fol.34 sa 43). Din il-korrispondenza kollha, pero' ggib data precedenti ghad-data tal-ahhar hlas da parti tal-konvenut kif indikat fl-imsemmi prospett a fol.24. Ghalhekk ma jirrizultax sufficjentement pruvat li dawn l-ittri jirreferu ghall-ammonti li semmai kienu ghadhom dovuti wara li sar l-imsemmi l-ahhar pagament;

L-imsemmi rappresentant tad-ditta attrici rrefera ukoll ghall-fatt li l-konvenut kien ghen sabiex ingabbru xi ammonti li kienu dovuti lid-ditta attrici minn klijenti maltin. Huwa jghid li minhabba din l-ghinuna huwa kien ta skont ta' ghaxra fil-mija (10%) fuq il-fatturi kollha ghar-rigward ta' forarnituri li saru lill-konvenut. Dejjem minhabba din l-ghinuna l-konvenut inghata ukoll zmien twil li fih kellu jhallas ghal-istess forniture. Mill-fatturi in kwestjoni la jirrizulta l-imsemmi skont u laqnqas iz-zmien li fih kellu jsir il-hlas. F'dan ir-rigward ir-raguni li joffri l-imsemmi dirigent tad-ditta attrici mhux kredibbli. F'dan is-sens huwa jghid li l-konvenut kien jigi supplit b'materjal superjuri filwaqt li l-prezz kien ikun ta' materjal ta' kwalita normali;

L-istess dirigent tad-ditta attrici jghamel referenza ghal fatt li huwa kien iddecieda li jiehu lura xi materjal li kien gie supplit lill-klijent malti. Dejjem l-istess dirigent, filwaqt li jammetti li dan il-materjal kien difettuz, jsostni li l-konvenut qabel li jiehu l-materjal u l-ftehim kien li dan kellu jithallas wara li l-konvenut isib il-bejgh tieghu. F'dan ir-rigward id-dirigent jghamel referenza ghad-dokument esibit a fol.86 (anke a tergo). Imkien f'dan id-dokument ma hemm li l-materjal in kwestjoni qed jigi mibjugh lill-konvenut. Imkien ma hemm li l-konvenut qed jaccetta li jhallas ghal materjal meta da parti tieghu ibiegh l-istess materjal. Hu ukoll difficli li wiehed jifhem kif il-konvenut seta' accetta li jiehu materjal li jirrizulta li kien difettuz. Din ic-cirkostanza, kif allegata mid-ditta attrici, ghalhekk lanqas ma tirrizulta sufficjentement pruvata. Del resto lanqas ma gie ppruvat li l-konvenut da parti tieghu biegh dan il-materjal lill-terzi jew uzah;

Jigi rilevat ukoll li minn irritorna l-imsemmi materjal lid-ditta attrici, xehed li sa fejn fehem hu, l-konvenut ma kienx qed jixtri l-istess materjal izda kien biss qed jaccetta li jzomm dan il-materjal fil-bitha tieghu u dana biex jghamel pjacir lid-ditta attrici;

Fid-dawl ta dan kollu ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet tad-ditta attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati;

Da parti tieghu l-konvenut jghid li kien ftiehem mad-ditta attrici li kellu jiehu kummissjoni ta' 10% fuq l-ammonti li kienu ser jingabru minn debituri maltin tal-istess ditta attrici. In effett il-konvenut jghid li l-ammonti li eventwalment ingabru kienu sostanzjali. Ghar-rigward tal-irham tad-ditta attrici li tqieghed fil-bitha tieghu huwa jghid li qatt ma xtara dan il-materjal izda accetta li jzommu ghandu sakhemm id-ditta attrici issib il-bejgh tieghu. F'dan kollu il-konvenut hu kredibbli u dak li jghid hu aktar verosimili. B'referenza ghad-dokument a fol.86 il-konvenut qal li dan l-istess dokument jindika biss il-materjal li effettivament tqieghed fil-bitha tieghu;

In vista ta' dan kollu t-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici;

Spejjez kontra l-attur nomine.